A.L. 54 ta' l-1989

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 35)

Regolamenti ta' l-1989 dwar Drittijiet imħallsin f'Ċentri tal-Bejgħ ta' Prodotti tal-Biedja

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru għall-Iżvilupp tal-Produzzjoni, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1989 dwar Drittijiet imħallsin f'Ċentri tal-Bejgħ ta' Prodotti tal-Biedja.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Ġunju, 1989.

Drittijiet.

2. (1) Għandu jintalab mid-Direttur tal-Agrikoltura u Sajd għall-użu tal-faċilitajiet provduti mid-Dipartiment tiegħu fiċ-Ċentri tal-Bejgħ ta' Prodotti tal-Biedja f'Malta u Għawdex, dritt li jitħallas kif ġej:

(a) minn xerrejja, dritt ta' ċenteżmu għal kull Lm3 bejgħ li jidhru fuq kull kont ta' bejgħ;

(b) mill-pitkali jew mill-għaqdiet ko-operattivi li jaġixxu ta' pitkali, dritt ta' ċenteżmu għal kull Lm3 fuq kull kont relattiv għall-bejgħ li jsir permezz ta' dak il-pitkal jew ta' dik il-ko-operattiva;

(ċ) mill-bdiewa, dritt ta' ċenteżmu għal kull Lm3 bejgħ li jidhru fuq kull kont tal-bdiewa.

(2) Fil-każi kollha msemmijin fis-subparagrafi ta' qabel dan, l-inqas dritt għandu jkun ta' ċenteżmu.